



Brussell, 26 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12815/22

COH 89
FIN 967
COMPET 731
IND 359

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Settembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12402/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 08/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs: Dgħufijiet fit-tfassil inaqqsu l-effettività tal-finanzjament - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26.09.2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs: Id-dgħufijiet fit-tfassil jnaqqsu l-effettività tal-finanzjament", approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-3895 laqgħa tiegħu tas-26 ta' Settembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs: Dgħufijiet fit-tfassil inaqqsu l-effettività tal-finanzjament

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 08/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk l-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 taħt l-oġettiv tematiku 3 "It-tisħiħ tal-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" ikkontribwixxiex b'mod effettiv biex tizzied il-kompetittività tal-SMEs appoġġati. F'dak l-isforz, il-Qorti eżaminat:
 - Kif il-ħtiġijiet tal-SMEs ġew indirizzati mill-programmi tal-FEŻR, mis-sejħiet għal programmi u mill-proċeduri tal-għażla;
 - Programmi reġjonali u nazzjonali tal-FEŻR fil-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall, għal kampjun ta' 24 proġett;
- (3) JIRRIKONOXXI li l-SMEs huma l-pedament tal-ekonomija tal-UE u li l-politika tal-UE għandha l-għan li żżid il-kompetittività tagħhom, u JISSOTTOLINJA li l-fondi ta' politika ta' koeżjoni, u b'mod partikolari l-FEŻR, huma fost is-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE b'appoġġ għall-SMEs. L-enfasi fuq it-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-SMEs ser tkun fost il-prijoritajiet ewlenin għall-programmi 2021-2027;

- (4) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- Fil-biċċa l-kbira tal-programmi tal-FEŻR taħt l-oġettiv tematiku 3 li ġew awditjati, is-sejħiet għas-sottomissjoni tal-proġetti mhux dejjem kellhom suċċess fl-indirizzar tal-ostakli rilevanti kollha għall-kompetittività li jiltaqgħu magħhom l-SMEs benefiċjarji. F'każijiet oħra, minflok, is-sejħiet ikkofinanzjaw investimenti produttivi speċifiċi li ma rriżultawx f'titjib dimostrabbli fis-sitwazzjoni kompetittiva tal-SMEs;
 - Il-finanzjament tal-proġetti taħt il-FEŻR li ġew awditjati sar l-aktar permezz ta' sejħiet li ma wrewx li kienu selettivi biżżejjed;
 - Il-finanzjament mill-FEŻR fil-biċċa l-kbira ħa l-forma ta' għotjiet aktar milli strumenti finanzjarji, li l-limitaw l-għadd ta' negozji appoġġati;
- (5) JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- L-Awtorità Maniġerjali hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għat-tfassil ta' proċeduri u kriterji tal-għażla ambizzjużi u xierqa użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi u r-riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti;
 - Fi ħdan dan il-qafas legali, l-Awtorità Maniġerjali tista' tagħżel bejn sejħiet kompetittivi u mhux kompetittivi wara li jitqiesu b'mod dovut il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull metodu kif xieraq, u bl-għan li jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tal-finanzjament tal-Unjoni fir-rigward ta' kull sitwazzjoni;
 - L-użu ta' strumenti finanzjarji jiġi diskuss mal-Awtoritajiet Maniġerjali fil-livell ta' oġettivi speċifiċi matul in-negozjati tal-programmi;

- (6) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fejn rilevanti, biex tinkoraġġixxi u tappoġġa lill-Istati Membri sabiex:
- Jieħdu kont tal-elementi ewlenin tar-rapport tal-awditjar
 - Jikkunsidraw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' proċeduri tal-għażla kompetittivi u mhux kompetittivi fuq bażi ta' każ b'każ;
 - Fejn rilevanti, jippromwovu l-użu ta' għajnuna ripagabbli għall-kompetittività tal-SMEs u jiffavorixxu forom oħra ta' appoġġ bħal strumenti finanzjarji u appoġġ mhux finanzjarju, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàtiet reġjonali.
-